MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 296/2004

**Bank of Valletta p.l.c**

**vs**

**1. CAMELA CONTRACTORS LTD. (C25539); u**
**2. Angelo u Mary miżżewġin ABELA (I.D. Nru. 833246(M) rispettivament); u**
**3. Joseph u Pauline miżżewġin CAMILLERI (I.D. Nri. 453555(M) u 435056(M) rispettivament)**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq mill-Bank attur fis-27 t'April, 2004, li bih ippremetta;

Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'żewġ kuntratti datati 27 t'April, 2000 u 20 ta' Settembru, 2001, in atti Nutar Dottor Anthony Abela (Dok. "A" u "B"), is-soċjeta' attriċi kkonċediet "Overdraft Facilities" lis-soċjeta' konvenuta Camela Contractors Limited;

Illi s-soċjeta' attriċi tinsab kreditriċi tas-soċjeta' konvenuta Camela Contractors Limited fis-somma ta' erbgħa u sittin elf u ħamsa u disgħin Liri Maltin u tlieta u disgħin ċenteżmu (Lm64,095.93) bilanċ għad-debitu fl-"Overdraft Accounts" tas-soċjeta' Camela Contractors Limited mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok. "C1 sa C70" u Dok. "D1 sa D10") flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mill-1 t'Ottubru, 2003 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Illi permezz tal-kuntratti fuq imsemmija u cioe' dawk datati 27 t'April, 2000 u 20 ta' Settembru, 2001, in atti Nutar Dottor Anthony Abela (Dok. "A" u "B"), kif ukoll permezz ta' tlett skritturi privati datati 27 t'April 2000, 18 ta' Jannar 2001, u 31 ta' Lulju 2001 (Dok. "H, I u J"), il-konvenuti Angelo u Mary miżżewġin Abela iggarantew flimkien u "in solidum" mas-soċjeta' Camela Contractors Limited għaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c id-debiti ta' l-istess soċjeta' Camela Contractors Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.;

Illi permezz tal-kuntratti fuq imsemmija u cioe' dawk datati 27 t'April, 2000 u 20 ta' Settembru, 2001, in atti Nutar Dottor Anthony Abela (Dok. "A" u "B"), kif ukoll permezz ta' tlett skritturi privati datati 27 t'April 2000, 18 ta' Jannar 2001, u 31 ta' Lulju 2001 (Dok. "H, I u J"), il-konvenuti Joseph u Pauline miżżewġin Camilleri iggarantew flimkien u "in solidum" mas-soċjeta' Camela Contractors Limited għaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti ta' l-istess soċjeta' Camela Contractors Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.;

Illi l-konvenuti ġew interpellati permezz ta' tlett ittri uffiċjali datati 9 t'April, 2003 u li kopja tagħhom qed jiġu hawn esebiti u mmarkati Dok "K", "L", u "M", sabiex iħallsu d-dejn fuq imsemmi, iżda dawn baqgħu inadampjenti.

Għaldaqstant, is-soċjeta' attriċi titlob lil din l-Onorabbli Qorti għaliex għar-raġunijiet fuq imsemmija:

1. Tikkundanna lis-soċjeta' Camela Contractors Limited u lil Angelo u Mary miżżewġin Abela u Joseph u Pauline miżżewġin Camilleri, jħallsu flimkien u "in solidum"

bejniethom lis-soċjeta’ attriċi s-somma ta’ erbgħa u sittin elf u ħamsa u disgħin Liri Maltin u tlieta u disgħin ċenteżmu (Lm64,095.93) bilanċ għad-debitu fl-“Overdraft Accounts” tas-soċjeta’ Camela Contractors Limited mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok “C1 sa C70” u Dok. “D1 sa D10”) flimkien ma’ l-imgħax ulterjuri mill-1 t’Ottubru, 2003 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta’ l-ittri uffiċjali datati 9 t’April, 2003 u tal-Mandati ta’ Sekwestru u Qbid li qed jiġu ppreżentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma nġunti minn issa sabiex jidhru għas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-xiehda tal-Bank attur, flimkien mal-wieħed u disgħin (91) dokument mehmużin magħha;

Rat illi l-imħarrkin Camela Contractors Ltd., Joseph Camilleri u Pauline Camilleri, notifikati kif imiss bl-Att taċ-Ċitazzjoni u bl-Avviż tas-Smigħ fit-3 ta’ Ġunju, 2004, naqsu li jressqu Nota tal-Eċċezzjonijiet fiż-żmien mogħti lilhom mill-Liġi, u kif ukoll naqsu li b’xi mod jikkontestaw it-talbiet attriċi;

Rat illi l-imħarrkin Angelo u Mary Abela ġew notifikati bl-imsemmija atti bil-mezz tal-proċedura bl-affisjoni fl-20 ta’ Settembru, 2004, u naqsu wkoll li jressqu Nota tal-Eċċezzjonijiet fiż-żmien mogħti lilhom mil-Liġi;

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrkin Angelo u Mary miżżewġin Abela waqt is-smigħ tal-lum, li biha stqarrew it-talbiet attriċi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet id-dikjarazzjoni tal-avukat difensur tal-Bank attur fis-sens li l-ebda parti mill-ammont mitlub fl-Att taċ-Ċitazzjoni ma ġie sallum imħallas;

Billi t-talba attriċi tidher mistħoqqa u ippruvata;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi l-kawża billi:

Fil-kontumaċja ta' wħud mill-imħarrkin u fuq l-ammissjoni tal-oħrajn, **tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tikkundanna lill-istess imħarrkin, flimkien u in solidum bejniethom, biex iħallsu lill-Bank attur is-somma ta' erbgħa u sittin elf u ħamsa u disgħin lira Maltija u tlieta u disgħin ċenteżmi (Lm64,095.93), bilanċ għad-debitu ta' "Overdraft Accounts", flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmi ammont b'effett mill-ewwel (1) t'Ottubru, 2003, sal-jum tal-ħlas effettiv; u

Tikkundanna lill-imħarrkin li jħallsu, flimkien u solidalment bejniethom, l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------